



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 25 ta' Mejju 2020
(OR. en)**

**2018/0169 (COD)
LEX 1999**

PE-CONS 12/20

**ENV 214
SAN 147
CONSOM 77
AGRI 117
CODEC 331**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
DWAR IR-REKWIŻITI MINIMI GĦALL-UŻU MILL-ĠDID TAL-ILMA**

REGOLAMENT (UE) 2020/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2020

dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regġuni²,

Waq t li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 94.

² ĠU C 86, 7.3.2019, p. 353.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-7 ta' April 2020 (ĠU C 147, 4.5.2020, p. 1). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-riżorsi tal-ilma tal-Unjoni qed ikunu dejjem iktar taħt pressjoni, li qed iwassal għall-iskarsezza tal-ilma u għad-deterjorament tal-kwalità tal-ilma. B'mod partikolari, it-tibdil fil-klima, ix-xejriet tat-temp imprevedibbli u n-nixfa qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-pressjoni fuq id-disponibbiltà tal-ilma hekk li qed jinholq mill-iżvilupp urban u l-agrikoltura.
- (2) Il-ħila tal-Unjoni li tirreaġixxi għall-pressjonijiet li dejjem qed jiżdiedu fuq ir-riżorsi tal-ilma tista' tittejjeb permezz tal-użu mill-ġdid mifrux tal-ilma mormi trattat, billi tiġi limitata l-estrazzjoni mill-korpi tal-ilma tal-wiċċ u mill-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, jitnaqqas l-impatt tar-rimi tal-ilma mormi trattat f'korpi tal-ilma, u jiġi promoss l-iffrankar tal-ilma billi l-ilma mormi urban jintuża bosta drabi, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali. Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ issemmi l-użu mill-ġdid tal-ilma, flimkien mal-promozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma fl-industrija u tekniki tat-tisqija li jiffrankaw l-ilma bħala waħda mill-miżuri supplimentari li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw sabiex jiksibu l-għanijiet ta' dik id-Direttiva għal status kwalitattiv u kwantitattiv tajjeb tal-ilma għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ u għall-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE² teħtieġ li l-ilma mormi trattat jiġi użat mill-ġdid kull meta jkun xieraq.

¹ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

- (3) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2012 "Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa" tindika l-hteġa li jinholq strument biex jiġu regolati standards fil-livell tal-Unjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma, sabiex jiġu eliminati l-ostakli għal użu mifrux ta' tali għażla alternattiva għall-provvista tal-ilma, jiġifieri waħda li tista' tgħin tnaqqas l-iskarsezza tal-ilma u tnaqqas il-vulnerabbiltà tas-sistemi tal-provvista.
- (4) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2007 "Li tindirizza l-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa fl-Unjoni Ewropea" tistabbilixxi l-ġerarkija ta' miżuri li l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu fil-ġestjoni tal-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa. Din issostni li r-reġjuni fejn ġew implimentati l-miżuri preventivi kollha skont il-ġerarkija tal-ilma u fejn id-domanda tal-ilma tibqa' madankollu teċċedi d-disponibbiltà, infrastruttura ta' provvista tal-ilma addizzjonali tista' f'ċerti ċirkostanzi u meta titqies id-dimensjoni kost-benefiċċji, iservi bħala approċċ alternattiv għall-mitigazzjoni tal-impatti ta' nixfa kbira.
- (5) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea¹, il-Parlament Ewropew ifakkar li, fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, jenħtieġ li tingħata preferenza lil approċċ min-naħa tad-domanda, iżda jqis li l-Unjoni jenħtieġ li tadotta approċċ olistiku fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, billi tikkombina miżuri tal-ġestjoni tad-domanda, miżuri li jottimizzaw ir-riżorsi eżistenti fi ħdan iċ-ċiklu tal-ilma u miżuri li joħlqu riżorsi ġodda, u li l-approċċ jeħtieġ li jintegra kunsiderazzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

¹ ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 33.

- (6) Fil-kommunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Diċembru 2015 "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari", il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiegħu sensiela ta' azzjonijiet biex tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat, inkluż l-iżvilupp ta' proposta leġislattiva dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma. Il-Kummissjoni jenħtieġ li taġġorna l-pjan ta' azzjoni tagħha u żżomm il-qasam tar-riżorsi tal-ilma bħala wieħed ta' prijorità li fih għandha tintervjeni.
- (7) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita l-użu mill-ġdid tal-ilma kull meta jkun xieraq u kost-effiċjenti, u b'hekk jinħoloq qafas ta' abilitazzjoni għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jew jeħtieġu li jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma. L-użu mill-ġdid tal-ilma huwa opzjoni promettenti għal ħafna Stati Membri, iżda attwalment għadd żgħir biss minnhom jipprattikaw l-użu mill-ġdid tal-ilma u adottaw leġislazzjoni jew standards nazzjonali f'dak ir-rigward. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun flessibbli biżżejjed biex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-prattika tal-użu mill-ġdid tal-ilma u fl-istess ħin jiżgura li jkun possibbli li Stati Membri oħra japplikaw dawk ir-regoli meta jiddeċiedu li jintroduċu din il-prattika fi stadju aktar tard. Jenħtieġ li kwalunkwe deċiżjoni li ma jiġix ipprattikat l-użu mill-ġdid tal-ilma tkun debitament ġustifikata skont il-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament u tiġi riveduta regolarment.

- (8) Id-Direttiva 2000/60/KE ttipprovdi lill-Istati Membri bil-flessibbiltà neċessarja biex jinkludu miżuri supplementari fil-programmi ta' miżuri li jadottaw biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom biex jiksibu l-oġettivi ta' kwalità tal-ilma stabbiliti b'dik id-Direttiva. Il-lista mhux esklużiva ta' miżuri supplimentari previsti fil-Parti B tal-Anness VI għad-Direttiva 2000/60/KE tinkludi, fost l-oħrajn, miżuri għall-użu mill-ġdid tal-ilma. F'dan il-kuntest u f'konformità ma' ġerarkija ta' miżuri li jistgħu jitqiesu mill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa u li tinkoraġġixxi miżuri għall-iffrankar tal-ilma u tagħti prijorità baxxa lill-politika dwar l-ipprezzar tal-ilma u soluzzjonijiet alternattivi, u b'kont meħud tad-dimensjoni kost-benefiċċji, ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, kif stabbiliti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu applikabbli kull meta ilma mormi urban trattat minn impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban jiġi użat mill-ġdid, f'konformità mad-Direttiva 91/271/KEE għat-tisqija agrikola.
- (9) L-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat b'mod xieraq, pereżempju mill-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban, jitqies li għandu impatt ambjentali iktar baxx minn metodi ta' provvista tal-ilma alternattivi oħra, bħat-trasferimenti jew id-desalinazzjoni tal-ilma. Madanakollu, dan l-użu mill-ġdid tal-ilma, li jista' jnaqqas il-ħela tal-ilma u jiffranka l-ilma, huwa prattikat biss b'mod limitat ħafna fl-Unjoni. Dan jidher li hu parzjalment dovut għall-ispiża sinifikanti tas-sistemi tal-użu mill-ġdid tal-ilma mormi u n-nuqqas ta' standards ambjentali u tas-saħħa komuni fl-Unjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma u, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti agrikoli, dovut għar-riskji potenzjali għas-saħħa u ambjentali u l-ostakli potenzjali għall-moviment liberu ta' tali prodotti li ġew imsoqqija bl-ilma reklammat.

- (10) L-istandards tas-saħħa marbuta mal-iġjene alimentari għall-prodotti agrikoli msoqqija bl-ilma reklamati jistgħu jinkisbu biss jekk ir-rekwiżiti tal-kwalità għall-ilma reklamati maħsub għat-tisqija agrikola ma jkunux ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. L-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ser tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern fir-rigward ta' dawn il-prodotti. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu introdotti livelli minimi ta' armonizzazzjoni billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma. Dawk ir-rekwiżiti minimi jenħteġ li jkollhom parametri minimi għall-ilma reklamati li jkunu bbażati fuq ir-rapporti tekniċi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni u jirriflettu l-istandards internazzjonali dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma, u rekwiżiti tal-kwalità addizzjonali jew iktar stretti imposti, jekk meħtieġ, mill-awtoritajiet kompetenti flimkien ma' kwalunkwe miżura preventiva rilevanti.
- (11) L-użu mill-ġdid tal-ilma għat-tisqija agrikola jista' jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari billi nutrijenti jiġu rkuprati mill-ilma reklamati u applikati għall-għelejjel, permezz ta' tekniki ta' fertigażzjoni. B'hekk, l-użu mill-ġdid tal-ilma jista' potenzjalment inaqqas il-ħtieġa għall-applikazzjonijiet supplimentari ta' fertilizzant minerali. Jenħteġ li l-utenti aħħarin jiġu infurmati dwar il-kontenut tan-nutrijenti tal-ilma reklamati.
- (12) L-użu mill-ġdid tal-ilma jista' jikkontribwixxi għall-irkupru tan-nutrijenti li jinsabu fl-ilma mormi urban trattat, u l-użu tal-ilma reklamati għal skopijiet ta' tisqija fil-qasam agrikolu jew forestali jista' jkun mod biex in-nutrijenti, bħal pereżempju n-nitroġenu, il-fosforu u l-potassju, jingħataw lura liċ-ċikli bijoġeokimiċi naturali.

- (13) L-investiment kbir meħtieġ għat-titjib tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban u n-nuqqas ta' inċentivi finanzjarji għall-prattika tal-użu mill-ġdid tal-ilma fl-agrikoltura ġew identifikati bħala fost ir-raġunijiet għall-użu baxx tal-użu mill-ġdid tal-ilma fl-Unjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li daww il-kwistjonijiet jiġu indirizzati bil-promozzjoni ta' skemi innovattivi u inċentivi ekonomiċi sabiex jiġu kkunsidrati b'mod xieraq l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali tal-użu mill-ġdid tal-ilma.
- (14) Il-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma tenħtieġ li tkun konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-ilma u tikkontribwixxi għall-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Għan 6, biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd, kif ukoll iż-żieda sostanzjali fir-riċiklaġġ tal-ilma u l-użu mill-ġdid sikur tal-ilma globalment bil-ħsieb li jingħata kontribut għall-kisba tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikollu l-għan li jiżgura l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-ambjent.
- (15) F'xi każijiet, l-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni għadhom jittrasportaw u jaħżnu l-ilma reklamati lil hinn mill-iżbakk tal-faċilità tar-reklamazzjoni, qabel ma jfornuh lill-atturi sussegwenti fil-katina, bħall-operatur tad-distribuzzjoni tal-ilma reklamati, l-operatur tal-ħażna tal-ilma reklamati jew l-utent aħħari. Jeħtieġ li jiġi ddefinit il-punt tal-konformità sabiex jiġi ċċarat fejn tiegħi ir-responsabbiltà tal-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni u fejn tibda r-responsabbiltà tal-attur sussegwenti fil-katina.

- (16) Il-ġestjoni tar-riskju jenħtieġ li tinvolvi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji b'mod proattiv, u jenħtieġ li tinkorpora l-kunċett tal-produzzjoni ta' ilma reklamati ta' kwalità speċifika hekk kif meħtieġa għal użi partikolari. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tar-riskju tkun ibbażata fuq l-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju u jenħtieġ li jiġi identifikat kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għall-kwalità tal-ilma neċessarju biex tiġi suffiċjentement żgurata il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Għal dak il-għan, il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tal-użu mill-ġdid tal-ilma jenħtieġ li jiżguraw li l-ilma reklamati jintuża u jiġi ġestit b'mod sikur u li ma jkunx hemm riskji għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali. Sabiex jiġu żviluppati tali pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju, jistgħu jintużaw gwidi jew standards internazzjonali eżistenti bħal-Linji gwida ISO 20426:2018 għall-valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u l-ġestjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb, il-Linji gwida ISO 16075:2015 dwar l-użu tal-ilma mormi trattat għal proġetti ta' tisqija jew il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).
- (17) Ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tal-Kunsill¹. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiehdur miżuri xierqa biex jiżguraw li l-attivitajiet tal-użu mill-ġdid tal-ilma ma jwasslux għal deterjorament fil-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, jenħtieġ li l-pjan tal-ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma jagħti attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u liż-żoni ta' salvagwardja rilevanti.

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

- (18) Jenħtieġ li l-kooperazzjoni u l-interazzjoni bejn id-diversi partijiet involuti fil-proċess tar-reklamazzjoni tal-ilma jkunu prekondizzjoni għat-twaqqif ta' proċeduri ta' trattament tar-reklamazzjoni skont ir-rekwiżiti għal użi speċifiċi, u sabiex tiġi ppjanata l-provvista tal-ilma reklamati skont id-domanda mill-utenti aħħarin.
- (19) Sabiex jiġiharsu b'mod effikaċi l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, jenħtieġ li l-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-kwalità tal-ilma reklamati fil-punt ta' konformità. Għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti minimi stipulati skont dan ir-Regolament u ma' kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali stabbiliti mill-awtorità kompetenti, l-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni jenħtieġ li jimmonitorjaw il-kwalità tal-ilma reklamati. Għaldaqstant, jixraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ li jikkonsistu fil-frekwenza ta' monitoraġġ tar-rutina, u l-iskedar u l-miri ta' prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-validazzjoni. Uħud mir-rekwiżiti għall-monitoraġġ ta' rutina huma previsti fid-Direttiva 91/271/KEE.

- (20) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri ilma reklamat li huwa miksub minn ilma mormi li jkun inġabar f'sistemi ta' ġbir, li jkun ġie ttrattat f'impjanti tat-trattament tal-ilma mormi urban skont id-Direttiva 91/271/KEE u li jiġi ulterjorment trattament, jew fl-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban jew f'faċilita' tar-reklamazzjoni, sabiex jissodisfa l-parametri stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament. Skont id-Direttiva 91/271/KEE, l-agglomerazzjonijiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni (e.p.) ta' inqas minn 2 000 ma għandhomx għalfejn jiġu pprovduti b'sistema ta' ġbir. Madankollu, l-ilma mormi urban minn agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2 000 e.p. li jidħol f'sistema ta' ġbir jenħtieġ li jkun soġġett għal trattament xieraq qabel ma dan jintrema fl-ilma ħelu jew fl-estwarji, skont id-Direttiva 91/271/KEE. F'dak il-kuntest, l-ilma mormi minn agglomerazzjonijiet ta' inqas minn 2 000 p.e. jenħtieġ li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biss meta jidħol f'sistema ta' ġbir u huwa soġġett għal trattament f'impjant ta' trattament tal-ilma mormi urban. B'mod simili, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jikkonċernax l-iskart industrijali bijodegradabbli minn impjanti li jappartjenu għas-setturi industrijali elenkati fl-Anness III għad-Direttiva 91/271/KEE, sakemm l-ilma mormi minn dawk l-impjanti ma jidħolx f'sistema ta' ġbir u jkun soġġett għal trattament f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban.

- (21) L-użu mill-ġdid tal-ilma mormi urban trattat għal tisqija agrikola huwa azzjoni mmexxija mis-suq, ibbażata fuq id-domandi u l-ħtiġijiet tas-settur agrikolu, b'mod partikolari f'ċerti Stati Membri li jiffaċċaw nuqqas ta' riżorsi tal-ilma. L-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni u l-utenti aħħarin jenħtieġ li jikkooperaw biex jiżguraw li l-ilma reklammat prodott skont ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità stabbiliti b'dan ir-Regolament jissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti aħħarin fir-rigward tal-kategoriji ta' għelejjel. F'każijiet fejn il-klassijiet tal-kwalità tal-ilma prodotti mill-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni ma jkunux kompatibbli mal-kategorija tal-għelejjel u l-metodu tat-tisqija diġà fis-seħħ fiż-żona moqdiya, pereżempju f'sistema ta' provvista kollettiva, ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-ilma jistgħu jintlaħqu bl-użu, fi stadju sussegwenti, ta' diversi opzjonijiet waħedhom ta' trattament tal-ilma jew flimkien ma' opzjonijiet li ma jinkludux trattament għall-ilma reklammat, skont l-approċċ ta' diversi ostakli.
- (22) Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu mill-ġdid tar-riżorsi tal-ilma mormi urban, jenħtieġ li l-utenti aħħarin jitħarrġu biex jiġi żgurat li huma jużaw ilma reklammat tal-klassi ta' kwalità adatta. Fejn id-destinazzjoni ta' tip ta' għalla speċifika mhix magħrufa jew fejn għandha destinazzjonijiet multipli, jenħtieġ li jintuża ilma reklammat tal-għola klassi ta' kwalità, sakemm ma jiġux applikati ostakli xierqa li jippermettu li tinkiseb il-kwalità meħtieġa.

- (23) Huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-użu tal-ilma reklamati huwa sikur, sabiex b'hekk jiġi għegħegħ l-użu mill-ġdid tal-ilma fil-livell tal-Unjoni u tissaħħaħ il-kunfidenza tal-pubbliku fih. Għalhekk, il-produzzjoni u l-provvista ta' ilma reklamati għat-tisqija agrikola jenħteġ li jiġu permessi biss abbażi ta' permess, maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzati fil-livell tal-Unjoni, it-traċċabilità tal-ilma reklamati u t-trasparenza, jenħteġ li jiġu stipulati r-regoli sostantivi għal tali permessi fil-livell tal-Unjoni. Madankollu, id-dettalji tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi, bħall-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti u l-iskadenzi, jenħteġ li jiġu determinati mill-Istati Membri. Jenħteġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw il-proċeduri eżistenti għall-għoti tal-permessi, li jenħteġ li jiġu adattati biex iqisu r-rekwiżiti introdotti minn dan ir-Regolament. Meta jaħtru lill-partijiet responsabbli għat-tfassil tal-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma u l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-permess għall-produzzjoni u l-provvista tal-ilma reklamati, l-Istati Membri jenħteġ li jiżguraw li ma jkun hemm ebda konflitt ta' interessi.
- (24) Jekk ikunu meħtieġa operatur tad-distribuzzjoni tal-ilma reklamati u operatur tal-ħażna tal-ilma reklamati, jenħteġ li jkun possibbli li tali operaturi jkunu meħtieġa li jkollhom permess. Jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha għall-permess, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru jenħteġ li tagħti permess li jkun fih il-kundizzjonijiet u l-miżuri kollha neċessarji stabbiliti fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma.

- (25) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li l-operazzjonijiet ta' trattament u l-operazzjonijiet tar-reklamazzjoni tal-ilma mormi urban iseħħu fl-istess post fiżiku, bl-użu tal-istess faċilità jew faċilitajiet differenti u separati. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-istess attur ikun kemm l-operatur tal-impjant tat-trattament kif ukoll l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni.
- (26) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità tal-ilma reklamat mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess rilevanti. F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet jesiġu li l-partijiet responsabbli jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġi żgurat li l-ilma reklamat ikun konformi. Il-provvista tal-ilma reklamat jenħtieġ li tiġi sospiża fejn in-nonkonformità tikkawża riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali.
- (27) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma maħsuba li jkunu komplementari għar-rekwiżiti ta' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-riskji possibbli għas-saħħa u għall-ambjent.

Sabiex jiġi żgurat approċċ olistiku biex jiġu indirizzati r-riskji possibbli għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, l-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu r-rekwiżiti stipulati f'leġislazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttivi tal-Kunsill 86/278/KEE¹ u 91/676/KEE². Id-Direttivi 91/271/KEE, 98/83/KE u 2000/60/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002³, (KE) Nru 852/2004⁴, (KE) Nru 183/2005⁵, (KE) Nru 396/2005⁶ u (KE) Nru 1069/2009⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2006/7/KE⁸, 2006/118/KE⁹, 2008/105/KE¹⁰ u 2011/92/UE¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005¹², (KE) Nru 1881/2006¹³ u (UE) Nru 142/2011¹⁴.

- ¹ Id-Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ ġintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).
- ² Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).
- ³ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).
- ⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).
- ⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf (ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1).
- ⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).
- ⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).
- ⁸ Id-Direttiva 2006/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-immaniġġjar tal-kwalità tal-ilma għall-għawm u li tħassar id-Direttiva 76/160/KEE (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 37).
- ⁹ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).
- ¹⁰ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).
- ¹¹ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).
- ¹² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338 22.12.2005, p.1) [Traduzzjoni mhux uffiċjali].
- ¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).
- ¹⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplementa d-Id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

- (28) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-operaturi fin-negozju tal-ikel u jkopri l-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-ikel maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dak ir-Regolament jindirizza l-kwalità tas-saħħa tal-ikel u wieħed mill-prinċipji ewlenin tiegħu hu li r-responsabbiltà ewlenija għas-sigurtà tal-ikel tinġarr mill-operatur fin-negozju tal-. Dak ir-Regolament huwa wkoll appoġġat minn gwida dettaljata. F'dan ir-rigward, l-avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji mikrobijoloġiċi fil-frott u l-ħaxix frisk fil-produzzjoni primarja permezz ta' iġjene tajba huwa ta' rilevanza partikolari. Ir-rekwiżiti minimi għall-ilma reklammat stipulati f'dan ir-Regolament ma jipprekludux lill-operaturi fin-negozju tal-ikel milli jiksibu l-kwalità tal-ilma meħtieġa biex tikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 852/2004 billi, fi stadju sussegwenti, jużaw diversi għażliet għat-trattament tal-ilma individwalment jew flimkien ma' għażliet oħra li ma jittrattawx l-ilma.
- (29) Hemm potenzjal kbir għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat. Bil-ħsieb li jiġi promoss u inkoraġġut l-użu mill-ġdid tal-ilma, jenħtieġ li l-indikazzjoni ta' użi speċifiċi f'dan ir-Regolament ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jippermettu l-użu ta' ilma reklammat għal skopijiet oħra, inkluż għal skopijiet industrijali, ambjentali u ta' servizzi ta' konvenjenza, kif meqjus neċessarju fid-dawl ta' ċirkostanzi u l-ħtiġijiet nazzjonali dment li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.
- (30) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' awtoritajiet rilevanti oħra permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

- (31) Sabiex tiżdied il-fiduċja fl-użu mill-ġdid tal-ilma, jenħtieġ li tingħata informazzjoni lill-pubbliku. Id-disponibbiltà ta' informazzjoni ċara, komprensiva u aġġornata dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma tippermetti żieda fit-trasparenza u t-traċċabilità, u tista' tkun ukoll ta' użu partikolari għal awtoritajiet rilevanti oħra li jintlaqtu minn dak l-użu mill-ġdid tal-ilma speċifiku. Sabiex iħeġġu l-użu mill-ġdid tal-ilma bil-għan li l-partijiet ikkonċernati jsiru konxji mill-benefiċċji tal-użu mill-ġdid tal-ilma u b'hekk tiġi promossa l-aċċettazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġu żviluppati kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni adattati għall-iskala tal-użu mill-ġdid tal-ilma.
- (32) L-edukazzjoni u t-taħriġ tal-utenti aħħarin huma ta' importanza primarja bħala komponenti tal-implimentazzjoni u taż-żamma ta' miżuri ta' prevenzjoni. Fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma jenħtieġ li jiġu kkunsidrati miżuri preventivi speċifiċi kontra l-esponiment tal-bniedem, pereżempju l-użu ta' tagħmir protettiv personali, il-ħasil tal-idejn u l-iġjene personali.

- (33) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għandha l-għan li tiggarrantixxi d-dritt tal-aċċess għal informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri skont l-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali² (il-Konvenzjoni ta' Aarhus). Id-Direttiva 2003/4/KE tistabbilixxi obbligi estensivi marbuta mad-disponibbiltà tal-informazzjoni ambjentali fuq talba, kif ukoll mad-disseminazzjoni b'mod attiv ta' tali informazzjoni. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ tkopri l-kondiviżjoni tal-informazzjoni ġeografika, inkluż settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament marbuta mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tas-settijiet tad-data jkunu komplementari ma' dawk id-Direttivi u ma joħolqux reġim legali separat. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-informazzjoni lill-pubbliku u dwar l-informazzjoni fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.
- (34) Id-data pprovduta mill-Istati Membri hija essenzjali sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja u tivvaluta dan ir-Regolament fir-rigward tal-għanijiet li jridu jintlaħqu.

¹ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

² ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

³ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

- (35) Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-ħames kriterji tal-effiċjenza, l-effettività, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli. L-evalwazzjoni jenħtieġ li tqis il-progress xjentifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt potenzjali ta' sustanzi ta' tħassib emerġenti.
- (36) Ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma mormi urban trattat jirriflettu l-għarfien xjentifiku disponibbli u l-istandards u l-prattiki rikonoxxuti internazzjonalment għall-użu mill-ġdid tal-ilma u jiggarrantixxu li ilma bħal dan jista' jintuża b'mod sikur għat-tisqija agrikola, biex b'hekk jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament jew kull meta l-iżviluppi xjentifiċi ġodda u l-progress tekniku jitolbu dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' teżamina l-ħtieġa li tirrieżamina r-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I u, fejn xieraq, jenħtieġ li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (37) Sabiex l-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda l-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju previsti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun kapaċi wkoll tadotta atti delegati li jissupplimentaw l-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju previsti f'dan ir-Regolament billi tistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-fażi tal-ħidma ta' tħejjija, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (38) Sabiex jiġu żgurati l-kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni għall-adozzjoni tar-regoli dettaljati fir-rigward tal-format u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li trid tingħata mill-Istati Membri, u fir-rigward tal-format u l-preżentazzjoni tal-ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni mfassla mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (39) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa, fost affarijiet oħra, li jipproteġi l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja f'diversi okkażjonijiet, ikun inkompatibbli mal-effett vinkolanti li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti lil Direttiva, li tiġi eskluża, fil-prinċipju, il-possibbiltà ta' obbligu impost minn Direttiva milli jiġi invokat mill-persuni kkonċernati. Dik il-kunsiderazzjoni tapplika wkoll fir-rigward ta' Regolament li għandu l-għan li jiggarrantixxi li l-ilma reklammat huwa sikur għat-tisqija agrikola.
- (40) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (41) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba raġunijiet ta' skala u effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropa. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (42) Huwa neċessarju li jingħata biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva neċessarja għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll biex l-operaturi jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda.
- (43) Bil-ħsieb li jiġi żviluppat u promoss kemm jista' jkun l-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat b'mod xieraq u sabiex ikun hemm titjib sinifikanti fl-affidabbiltà tal-ilma mormi trattat b'mod xieraq u f'metodi vijabbli ta' użu, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-qasam permezz tal-programm Orizzont Ewropa.
- (44) Dan ir-Regolament ifittex li jħeġġeġ l-użu sostenibbli tal-ilma. Fid-dawl ta' dik il-mira, il-Kummissjoni jenħtieġ li timpenja ruħha sabiex tuża l-programmi tal-Unjoni, inkluż il-Programm LIFE, biex tappoġġa inizjattivi lokali li jinvolvu l-użu mill-ġdid ta' ilma mormi trattat b'mod xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Suġġett u għan

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma u dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju, għall-użu sikur tal-ilma reklammat fil-kuntest tal-ġestjoni integrata tal-ilma.
2. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiggarrantixxi li l-ilma reklammat ikun sikur għat-tisqija agrikola, sabiex b'hekk jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, jippromwovi l-ekonomija ċirkolari, jappoġġa l-adattament għat-tibdil fil-klima, u jikkontribwixxi għall-għanijiet tad-Direttiva 2000/60/KE billi jindirizza l-iskarsezza tal-ilma u l-persjoni li tirriżulta fuq ir-riżorsi tal-ilma, b'mod koordinat madwar l-Unjoni, sabiex b'hekk jikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern.

Artikolu 2
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika kull meta l-ilma mormi urban trattat jintuża mill-ġdid, f'konformità mal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 91/271/KEE, għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament.

2. Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jkunx xieraq li ilma jerġa' jintuża għat-tisqija agrikola f'distrett jew distretti tiegħu ta' baċin ta' xmara jew f'partijiet minnhom, b'kont meħud tal-kriterji li ġejjin:
- (a) il-kondizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi tad-distrett jew partijiet minnu;
 - (b) il-pressjonijiet fuq u l-istatus ta' riżorsi oħra tal-ilma, inkluż l-istatus kwantitattiv tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art kif imsemmi fid-Direttiva 2000/60/KE;
 - (c) il-pressjonijiet fuq u l-istatus tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ li fihom jiġi skarikat ilma mormi urban trattat;
 - (d) l-ispejjeż f'termini ambjentali u ta' riżorsi tal-ilma reklamati u ta' riżorsi oħra tal-ilma.

Kull deċiżjoni meħuda skont l-ewwel subparagrafu għandha tkun debitament ġustifikata abbażi tal-kriterji msemmija f'dak is-subparagrafu u tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni.

Għandha tiġi riveduta kif meħtieġ, b'mod partikolari billi jitqiesu l-projezzjonijiet tat-tibdil fil-klima u l-istrateġiji nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima, u mill-inqas kull sitt snin filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar stabbiliti skont id-Direttiva 2000/60/KE.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-proġetti ta' riċerka jew il-proġetti pilota marbuta ma' faċilitajiet tar-reklamazzjoni jistgħu jiġu eżenti minn dan ir-Regolament fejn l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li l-kriterji li ġejjin ikunu ġew issodisfati:
- (a) il-proġett ta' riċerka jew il-proġett pilota mhux ser jitwettaq f'korp ta' ilma użat għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jew żoni ta' salvagwardja rilevanti magħżula skont id-Direttiva 2000/60/KE;
 - (b) il-proġett ta' riċerka jew il-proġett pilota ser ikun soġġett għal monitoraġġ xieraq.
- Kwalunkwe eżenzjoni skont dan il-paragrafu għandha tkun limitata għal perijodu massimu ta' ħames snin.
- L-għelejjel li jirriżultaw minn proġett ta' riċerka jew proġett pilota eżentat skont dan il-paragrafu ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
4. Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u ma jipprekludix lill-operaturi tan-negozju tal-ikel milli jiksbu l-kwalità tal-ilma meħtieġa biex jikkonformaw ma' dak ir-Regolament billi jużaw, fi stadju sussegwenti, diversi opzjonijiet ta' trattament tal-ilma waħedhom jew flimkien ma' opzjonijiet oħra li ma jittrattawx l-ilma, jew milli jużaw sorsi alternattivi tal-ilma għat-tisqija agrikola.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'awtorità kompetenti' tfisser awtorità jew korp maħtura minn Stat Membru biex iwettaq l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament rigward l-għoti ta' permessi għall-produzzjoni jew il-provvista ta' ilma reklamat, rigward l-eżenzjonijiet għal proġetti ta' riċerka jew proġetti pilota u rigward il-verifika tal-konformità;
- (2) 'utent aħħari' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, kemm jekk entità pubblika jew privata, li tuża l-ilma reklamat għat-tisqija agrikola;
- (3) 'ilma mormi urban' tfisser ilma mormi urban kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 91/271/KEE;
- (4) 'ilma reklamat' tfisser ilma mormi urban li ġie trattat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/271/KEE u li jirriżulta minn trattament ulterjuri f'faċilità tar-reklamazzjoni f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness I għal dan ir-Regolament;
- (5) 'faċilità tar-reklamazzjoni' tfisser impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban jew faċilità oħra li tittratta ulterjorment l-ilma mormi urban li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 91/271/KEE sabiex jiġi prodott ilma li huwa tajjeb għal użu speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament;

- (6) 'operatur ta' faċilità tar-reklamazzjoni' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, li tirrappreżenta entità privata jew awtorità pubblika, li tħaddem jew tikkontrolla faċilità tar-reklamazzjoni;
- (7) 'periklu' tfisser aġent bijoloġiku, kimiku, fiżiku jew radjoloġiku li għandu l-potenzjal li jikkawża dannu lill-bnedmin, lill-annimali, lill-għelejjel jew lill-pjanti, lil bijota terrestri oħra, lil bijota akkwatiċi, lill-ħamrija jew lill-ambjent b'mod ġenerali;
- (8) 'riskju' tfisser il-probabbiltà ta' perikli identifikati li jikkawżaw dannu f'medda ta' żmien speċifika, inkluż is-severità tal-konsegwenzi;
- (9) 'ġestjoni tar-riskju' tfisser ġestjoni sistematika li b'mod konsistenti tiżgura li l-użu mill-ġdid tal-ilma huwa sikur f'kuntest speċifiku;
- (10) 'miżura preventiva' tfisser azzjoni jew attività xierqa li tista' tipprevjeni jew telimina riskju għas-saħħa jew għall-ambjent, jew li tista' tnaqqas tali riskju għal livell aċċettabbli;
- (11) 'punt ta' konformità' tfisser il-punt fejn operatur ta' faċilità tar-reklamazzjoni jipprovdi ilma reklamati lill-attur sussegwenti fil-katina;

- (12) 'ostaklu' huwa kwalunkwe mezz, inklużi passi fiżiċi jew ta' proċess jew kondizzjonijiet tal-użu, li jnaqqas jew jipprevjeni r-riskju ta' infezzjoni lill-bniedem billi jipprevjeni l-kuntatt tal-ilma reklammat mal-prodott li għandu jittiekel u mal-persuni esposti direttament, jew mezzi oħra li, pereżempju, inaqqsu l-konċentrazzjoni tal-mikroorganismi fl-ilma reklammat jew jipprevjeni s-sopravivenza tagħhom fuq il-prodott li għandu jittiekel;
- (13) 'permess' tfisser awtorizzazzjoni bil-miktub maħruġa minn awtorità kompetenti għall-produzzjoni jew il-provvista ta' ilma reklammat għat-tisqija agrikola skont dan ir-Regolament;
- (14) 'parti responsabbli' tfisser parti li twettaq rwol jew attività fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma, inkluż l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni, l-operatur tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban fejn dan ikun differenti mill-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni, l-awtorità rilevanti għajr l-awtorità kompetenti maħtura, l-operatur tad-distribuzzjoni tal-ilma reklammat jew l-operatur tal-ħażna tal-ilma reklammat;
- (15) 'sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma' tfisser l-infrastruttura u elementi tekniċi oħra meħtieġa għall-produzzjoni, il-provvista u l-użu tal-ilma reklammat; din tinkludi l-elementi kollha mill-punt ta' dħul tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi sal-punt fejn l-ilma reklammat jiġi użat għat-tisqija agrikola, inkluża l-infrastruttura tad-distribuzzjoni u l-ħżin, fejn rilevanti.

Artikolu 4

Obbligi tal-operaturi tal-faċilitajiet tar-reklamazzjoni u obbligi rigward il-kwalità tal-ilma reklam

1. L-operatur tal-faċilitajiet tar-Reklamazzjoni għandu jiżgura li, fil-punt ta' konformità, l-ilma reklam maħsub għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I jikkonforma ma' dan li ġej:
 - (a) ir-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma stipulati fit-Taqsima 2 tal-Anness I;
 - (b) kwalunkwe kondizzjoni addizzjonali stabbilita mill-awtorità kompetenti fil-permess rilevanti skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 6(3), fir-rigward tal-kwalità tal-ilma.Lil hinn mill-punt ta' konformità, il-kwalità tal-ilma ma tibqax ir-responsabbiltà tal-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni.
2. Sabiex tiġi żgurata l-konformità skont il-paragrafu 1, l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni għandu jwettaq monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma f'konformità ma' dan li ġej:
 - (a) it-Taqsima 2 tal-Anness I;
 - (b) kwalunkwe kondizzjoni ulterjuri stabbilita mill-awtorità kompetenti fil-permess rilevanti skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 6(3), fir-rigward tal-monitoraġġ.

Artikolu 5
Ġestjoni tar-riskju

1. Għall-fini tal-produzzjoni, il-provvista u l-użu ta' ilma reklammat, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma.

Pjan wieħed ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma jista' jkopri sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma waħda jew aktar.
2. Il-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma għandu jitħejja mill-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni, minn partijiet responsabbli oħra u mill-utenti aħħarin, kif adatt. Il-partijiet responsabbli li jippreparaw il-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma għandhom jikkonsultaw lill-partijiet responsabbli rilevanti l-oħra kollha u lill-utenti aħħarin, kif adatt.
3. Il-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma għandu jkun ibbażat fuq l-elementi ewlenin kollha tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II. Huwa għandu jidentifika r-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tar-riskju tal-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni u tal-partijiet l-oħra responsabbli.
4. Il-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma għandu b'mod partikolari:
 - (a) jistipula kwalunkwe rekwiżit meħtieġ għall-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni, li għandu jiżdied ma' dawk speċifikati fl-Anness I, f'konformità mal-punt (B) tal-Anness II biex jittaffa aktar kwalunkwe riskju qabel il-punt ta' konformità;

- (b) jidentifika l-perikli, ir-riskji u l-miżuri preventivi u/jew korrettivi possibbli xierqa f'konformità mal-punt (C) tal-Anness II;
- (c) jidentifika ostakli addizzjonali fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma, u jistipula kwalunkwe rekwiżit addizzjonali, meħtieġ wara l-punt ta' konformità biex jiżgura li s-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma hija sikura, inklużi kondizzjonijiet relatati mad-distribuzzjoni, il-ħżin u l-użu fejn rilevanti, u jidentifika l-partijiet responsabbli biex jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 li jemendaw dan ir-Regolament sabiex l-elementi ewlenin ta' ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku.

Il-Kummissjoni għandha wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13, li jissupplimentaw dan ir-Regolament sabiex jiġu stabbiliti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 6

Obbligi rigward il-permess għall-ilma reklamati

1. Il-produzzjoni u l-provvista ta' ilma reklamati maħsub għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I għandha tkun soġġetta għal permess.

2. Il-partijiet responsabbli fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma, inkluż l-utent aħħari fejn rilevanti skont il-liġi nazzjonali, għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal permess, jew għal modifika ta' permess eżistenti, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn topera l-faċilità tar-reklamazzjoni jew fejn hu ppjanat li din topera.
3. Il-permess għandu jistipula l-obbligi tal-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe parti oħra responsabbli. Il-permess għandu jkun ibbażat fuq il-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma u għandu jispeċifika, *inter alia*, dan li ġej:
 - (a) il-klassi jew klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamati u l-użu agrikolu li għalih l-ilma reklamati huwa permess skont l-Anness I, il-post tal-użu, il-faċilitajiet tar-reklamazzjoni u l-volum annwali stmat tal-ilma reklamati li ser jiġi prodott;
 - (b) il-kondizzjonijiet marbuta mar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I;
 - (c) kwalunkwe kondizzjoni fir-rigward ta' rekwiżiti addizzjonali għall-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni, stabbiliti fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma;
 - (d) kwalunkwe kondizzjoni oħra meħtieġa biex telimina kull riskju inaċċettabbli għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali sabiex kwalunkwe riskju jkun ta' livell aċċettabbli;

- (e) il-perijodu ta' validità tal-permess;
 - (f) il-punt ta' konformità.
4. Għall-fini tal-valutazzjoni ta' applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta u tiskambja informazzjoni rilevanti ma' awtoritajiet rilevanti oħra, b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-ilma u tas-saħħa jekk ikunu differenti mill-awtorità kompetenti, u kwalunkwe parti oħra li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti.
5. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi mingħajr dewmien jekk hijiex ser tagħti permess. Fejn, minħabba l-kumplessità tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ aktar minn 12-il xahar minn meta tirċievi applikazzjoni kompluta biex tiddeċiedi jekk hijiex ser tagħti permess, hija għandha tikkomunika id-data mistennija tad-deċiżjoni tagħha lill-applikant.
6. Il-permessi għandhom jerġgħu jiġu kkunsidrati regolarment, u għandhom jiġu aġġornati fejn meħtieġ, mill-inqas fil-każijiet li ġejjin:
- (a) kien hemm bidla sostanzjali fil-kapaċità;
 - (b) it-tagħmir ġie mtejjeb;
 - (c) inżdiedu tagħmir jew proċessi ġodda; jew
 - (d) kien hemm bidliet fil-kondizzjonijiet klimatiċi jew kondizzjonijiet oħra li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-istatus ekoloġiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ.

7. L-Istati Membri jistgħu jesigū li l-ħżin, id-distribuzzjoni u l-użu tal-ilma reklamati ikunu soġġetti għal permess speċifiku sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti u l-ostakli addizzjonali identifikati fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma kif imsemmi fl-Artikolu 5(4).

Artikolu 7

Kontroll tal-konformità

1. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika jekk hemmx konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess. Il-kontrolli tal-konformità għandhom jitwettqu permezz tal-mezzi li ġejjin:
 - (a) kontrolli fuq il-post;
 - (b) data ta' monitoraġġ miksuba b'mod partikolari skont dan ir-Regolament;
 - (c) kwalunkwe mezz ieħor adegwat.
2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni u, fejn rilevanti, il-partijiet responsabbli l-oħra jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex terġa' tinkiseb il-konformità mingħajr dewmien u jinfurmaw minnufih lill-utenti aħħarin affettwati.

3. Meta nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess jikkawża riskju sinifikanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni jew kwalunkwe parti responsabbli oħra għandhom minnufih jissospendu il-provvista tal-ilma reklammat sakemm l-awtorità kompetenti tiddetermina li tkun ġiet restawrata l-konformità, billi jiġu segwiti l-proċeduri definiti fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma, skont il-punt (a) tat-Taqsima 2 tal-Anness I.
4. Jekk iseħħ inċident li jaffettwa l-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess, l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni jew kwalunkwe parti oħra responsabbli għandhom minnufih jgħarrfu lill-awtorità kompetenti u lill-partijiet l-oħra li jistgħu jkunu potenzjalment milquta, u jikkomunikaw l-informazzjoni meħtieġa lill-awtorità kompetenti għall-valutazzjoni tal-impatti ta' tali inċident.
5. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika regolarment il-konformità mill-partijiet responsabbli mal-miżuri u l-kompiti stabbiliti fil-pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma.

Artikolu 8
Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri

1. Meta l-użu mill-ġdid tal-ilma huwa ta' rilevanza transkonfinali, l-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt għall-finijiet ta' kooperazzjoni mal-punti ta' kuntatt ta' Stati Membri oħra u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, kif adatt, jew għandhom jużaw strutturi eżistenti li jirriżultaw minn ftehimiet internazzjonali.

Ir-rwol tal-punti ta' kuntatt jew l-istrutturi eżistenti għandu jkun li:

- (a) jirċievu u jittrasmettu talbiet għal assistenza;
- (b) jagħtu assistenza fuq talba; u
- (c) jikkoordinaw il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Qabel ma jagħtu permess, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(3) mal-punt ta' kuntatt fl-Istat Membru li fih ikun maħsub li jintuża l-ilma reklamati.

2. L-Istati Membri għandhom iwieġbu t-talbiet għall-assistenza mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 9

Informazzjoni u sensibilizzazzjoni

L-iffrankar tar-riżorsi tal-ilma b'ħala riżultat tal-użu mill-ġdid tal-ilma għandu jkun is-suġġett ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni ġenerali fl-Istati Membri fejn l-ilma reklamat jintuża għat-tisqija agrikola. Tali kampanji jistgħu jinkludu l-promozzjoni tal-benefiċċji tal-użu mill-ġdid tal-ilma sikur.

Dawk l-Istati Membri jistgħu wkoll jistabbilixxu kampanji ta' informazzjoni għall-utenti aħħarin biex jiżguraw l-użu ottimali u sikur tal-ilma reklamat, biex b'hekk ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.

L-Istati Membri jistgħu jadattaw dawk il-kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni għall-iskala tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

Artikolu 10
Informazzjoni lill-pubbliku

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, l-Istati Membri li fihom l-ilma reklamati jintużaw għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament, għandhom jiżguraw li informazzjoni adegwata u aġġornata dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma tkun disponibbli għall-pubbliku, online jew permezz ta' mezzi oħra. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) il-kwantità u l-kwalità tal-ilma reklamati pprovdut f'konformità ma' dan ir-Regolament;
 - (b) il-persentaġġ tal-ilma reklamati fl-Istat Membru pprovdut skont dan ir-Regolament, meta mqabbel mal-ammont totali tal-ilma mormi urban trattat, fejn tali data tkun disponibbli;
 - (c) il-permessi mogħtija jew modifikati skont dan ir-Regolament, inkluż il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 6(3) ta' dan ir-Regolament;
 - (d) ir-risultati ta' kwalunkwe kontroll tal-konformità mwettaq skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament;

- (e) il-punti ta' kuntatt innominati skont l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament.
- 2. L-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha tiġi aġġornata kull sentejn.
- 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 2(2) tkun disponibbli għall-pubbliku online jew b'mezzi oħra.

Artikolu 11

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

- 1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE, l-Istati Membri li fihom l-ilma reklamati huwa użat għat-tisqija agrikola kif speċifikat fit-Taqsima 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom:
 - (a) jistabbilixxu u jipubblikaw sa ... [sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u wara dan jaġġornaw kull sitt snin, sett ta' data li jkun fih informazzjoni dwar l-eżitu tal-kontroll tal-konformità mwettaq skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament u informazzjoni oħra li trid tkun disponibbli għall-pubbliku, online jew b'mezzi oħra, skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jistabbilixxu, jipubblikaw u jaġġornaw kull sena wara dan, sett ta' data li jkun fih informazzjoni dwar il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess, li nġabret skont l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament, u informazzjoni dwar il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 7(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data msemmija fil-paragrafu 1.
3. Abbażi tas-settijiet tad-data msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, għandha tfassal, tippubblika u taġġorna, fuq bażi regolari jew fuq talba mill-Kummissjoni, ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni. Dik il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi, kif xieraq, l-indikaturi għall-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' dan ir-Regolament, il-mapep u r-rapporti tal-Istati Membri.
4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi regoli dettaljati fir-rigward tal-format u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li trid tingħata skont il-paragrafu 1, kif ukoll regoli dettaljati fir-rigward tal-format u l-preżentazzjoni tal-ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni msemmija fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14.
5. Sa ... [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, tistabbilixxi linji gwida biex tappoġġa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Evalwazzjoni u rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha sa ... [tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq mill-inqas dan li ġej:
 - (a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;
 - (b) is-settijiet ta' data stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11(1) u l-ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni mfassla mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent skont l-Artikolu 11(3);
 - (c) data xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti;
 - (d) għarfien tekniku u xjentifiku;
 - (e) rakkomandazzjonijiet tad-WHO, fejn disponibbli, jew gwida internazzjonali oħra jew standards tal-ISO.
2. Fit-twettiq tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti li ġejjin:
 - (a) ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I;

- (b) l-elementi ewlenin għall-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness II;
 - (c) ir-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 6(3);
 - (d) l-impatt tal-użu mill-ġdid tal-ilma fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, inkluż l-impatt ta' sustanzi ta' tħassib emerġenti.
3. Bħala parti mill-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà li:
- (a) twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ilma reklamat maħsub għal użi speċifiċi oħrajn, inkluż l-użu mill-ġdid għal skopijiet industrijali;
 - (b) testendi r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biex ikopru l-użu indirett ta' ilma mormi trattat.
4. Abbażi tar-riżultati tal-evalwazzjoni jew kull meta għarfien tekniku u xjentifiku ġdid jitlob dan, il-Kummissjoni tista' teżamina l-ħtieġa li teżamina mill-ġdid ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I.
5. Fejn opportun, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġislattiva biex temenda dan ir-Regolament.

Artikolu 13
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati ġiet konferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 5(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 5(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegat-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti magħżula minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2000/60/KE. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali stipulati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sa ...[erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Artikolu 16
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn ... [tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

UŻI U REKWIŻITI MINIMI

Taqsim 1. Użi tal-ilma reklamati

Tisqija agrikola

Tisqija agrikola tfisser it-tisqija tat-tipi ta' għelejjel li ġejjin:

- għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin, jiġifieri għelejjel maħsuba għall-konsum mill-bniedem fi stat nejj jew mhux ipproċessati;
- għelejjel tal-ikel ipproċessati, jiġifieri għelejjel maħsuba għall-konsum mill-bniedem wara proċess ta' trattament (jiġifieri, imsajrin jew proċessati industrijalment);
- għelejjel mhux tal-ikel, jiġifieri għelejjel mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem (jiġifieri għelejjel tal-bur u tal-foraġġ, tal-fibra, ornamenti, taż-żerriegħa, tal-enerġija u tat-terf).

Mingħajr preġudizzju għal liġijiet rilevanti oħra tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u s-saħħa, l-Istati Membri jistgħu jużaw ilma reklamati għal użi ulterjuri pereżempju:

- użu mill-ġdid tal-ilma industrijali; u
- skopijiet relatati ma' servizzi ta' konvenjenza u skopijiet ambjentali.

Taqsim 2. Rekwiżiti minimi

Rekwiżiti minimi applikabbli għall-ilma reklamati maħsub biex jintuża għat-tisqija agrikola

Il-klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamati u l-użi u l-metodi ta' tisqija permessi għal kull klassi huma stabbiliti fit-Tabella 1. Ir-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma huma stabbiliti fit-Tabella 2 tal-punt (a). Il-frekwenzi minimi u l-miri ta' prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-ilma reklamati huma stabbiliti fit-Tabella 3 (monitoraġġ tar-rutina) u fit-Tabella 4 (monitoraġġ tal-validazzjoni) tal-punt (b).

L-għelejjel li jappartjenu għal kategorija partikolari għandhom jissaqquw bl-ilma reklamati tal-klassi tal-kwalità minima tal-ilma reklamati korrispondenti kif stipulat fit-Tabella 1, sakemm ma jintużawx ostakli addizzjonali xierqa kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 5(4), li jirriżultaw fil-kisba tar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fit-Tabella 2 tal-punt (a). Ostakli addizzjonali bħal dawn jistgħu jkunu bbażati fuq il-lista indikattiva ta' miżuri preventivi msemmija fil-punt 7 tal-Anness II jew fi kwalunkwe standard nazzjonali jew internazzjonali ekwivalenti ieħor, eż. l-istandard ISO 16075-2.

Tabella 1 Klassijiet tal-kwalità tal-ilma reklamati u l-użu agrikolu u l-metodu ta' tisqija permessi

Klassi tal-kwalità minima tal-ilma reklamati	Kategorija tal-għalla ^(*)	Metodu ta' tisqija
A	L-għelejjel tal-ikel kollha ikkonsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel tinsab f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati u għelejjel bl-għeruf ikkonsmati nejjin	Il-metodi kollha ta' tisqija
B	L-għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta 'l fuq mill-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-għelejjel tal-ikel ipproċessati u l-għelejjel mhux tal-ikel inkluż l-għelejjel użati biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Il-metodi kollha ta' tisqija
C	L-għelejjel tal-ikel ikkonsmati nejjin fejn il-parti li tittiekel hija prodotta 'l fuq mill-art u mhijiex f'kuntatt dirett mal-ilma reklamati, l-għelejjel tal-ikel ipproċessati u l-għelejjel mhux tal-ikel inkluż l-għelejjel użati biex jingħalfu annimali li jipproduċu l-ħalib jew il-laħam	Tisqija bil-qatra ^(**) jew metodu ieħor ta' tisqija li jevita kuntatt dirett mal-parti tal-għelejjel li tittiekel
D	L-għelejjel industrijali, enerġetiċi u li jinżerġu	Il-metodi kollha ta' tisqija ^(***)

(*) Jekk l-istess tip ta' għelejjel imsaqqija jaqa' taħt diversi kategoriji tat-Tabella 1, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-kategorija l-aktar stretta.

(**) It-tisqija bil-qatra hija sistema ta' mikrotisqija li kapaċi twassal qtar tal-ilma jew flussi żgħar ħafna lill-pjanti u tinvolvi t-taqir tal-ilma fil-ħamrija jew direttament taħt is-superfiċe tagħha b'rati baxxi ħafna (2-20 litru/siegħa) minn sistema ta' pajpijiet tal-plastik b'dijametru żgħir imwaħħlin bi żbokkijiet imsejħa emittenti jew qattara.

(***) Fil-każ ta' metodi ta' tisqija li jimitaw ix-xita, għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema jew ta' dawk li jkun fil-qrib. Għal dan il-għan, għandhom jiġu applikati miżuri preventivi xierqa.

(a) Rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma

Tabella 2 Rekwiżiti għall-kwalità tal-ilma reklamati għat-tisqija agrikola

Klassi tal-kwalità tal-ilma reklamati	Mira indikattiva tat-teknoloġija	Rekwiżiti ta' kwalità				
		<i>E. coli</i> (numru/ 100 ml)	BOD ₅ (mg/l)	TSS (mg/l)	Turbidità (NTU)	Oħrajn
A	Trattament sekondarju, filtrazzjoni u diżinfekzzjoni	≤10	≤10	≤10	≤5	<i>Legionella</i> spp.: <1 000 cfu/l fejn hemm riskju ta' aerosolizzazzjoni
B	Trattament sekondarju u diżinfekzzjoni	≤100	Skont id-Direttiva 91/271/KEE (Anness I, Tabella 1)	Skont id-Direttiva 91/271/KEE (Anness I, Tabella 1)	-	Nematodi intestinali (bajd tal-elmindi): ≤1 bajda/l għat-tisqija tal-bwar jew l-foraġġ
C	Trattament sekondarju u diżinfekzzjoni	≤1 000			-	
D	Trattament sekondarju u diżinfekzzjoni	≤10 000			-	

L-ilma reklamat għandu jitqies li jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 2 fejn il-kejl għal dak l-ilma reklamat jissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

- il-valuri indikati għall-*E. coli*, l-*Legionella* spp. u n-nematodi intestinali jintlaħqu f'90 % jew aktar tal-kampjuni; l-ebda wieħed mill-valuri tal-kampjuni ma jaqbeż il-limitu ta' devjazzjoni massimu tal-unità logaritmika mill-valur indikat għall-*E. coli* u l-*Legionella* spp. u 100 % tal-valur indikat għan-nematodi intestinali;
- il-valuri indikati għall-BOD₅, it-TSS u t-turbidità fil-Klassi A jintlaħqu f'90 % jew aktar tal-kampjuni. L-ebda wieħed mill-valuri tal-kampjuni ma jaqbeż il-limitu ta' devjazzjoni massimu ta' 100 % tal-valur indikat.

(b) Rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ

L-operaturi ta' faċilitajiet tar-reklamazzjoni għandhom iwettqu monitoraġġ ta' rutina biex jivverifikaw li l-ilma reklamat huwa konformi mar-rekwiżiti minimi għall-kwalità tal-ilma stabbiliti fil-punt (a). Il-monitoraġġ tar-rutina għandu jġi inkluż fil-proċeduri ta' verifika tas-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

Il-kampjuni li għandhom jintużaw biex tiġi vverifikata l-konformità mal-parametri mikrobijoloġiċi fil-punt ta' konformità għandhom jittieħdu skont l-istandard EN ISO 19458 jew skont kwalunkwe standard nazzjonali jew internazzjonali ieħor li jiżgura kwalità ekwivalenti.

Tabella 3 Frekwenzi minimi għall-monitoraġġ ta' rutina tal-ilma reklammat għat-tisqija agrikola

	Frekwenzi tal-monitoraġġ minimi					
Klassi tal-kwalità tal-ilma reklammat	<i>E. coli</i>	BOD ₅	TSS	Turbidità	<i>Legionella</i> spp. (meta applikabbli)	Nematodi intestinali (meta applikabbli)
A	Darba fil-ġimgħa	Darba fil-ġimgħa	Darba fil-ġimgħa	Kontinwament	Darbtejn fix-xahar	Darbtejn fix-xahar jew kif determinata mill-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni skont in-numru ta' bajd fl-ilma mormi li jidħlu fil-faċilità tar-reklamazzjoni
B	Darba fil-ġimgħa	Skont id-Direttiva 91/271/KEE (Anness I, Taqsima D)	Skont id-Direttiva 91/271/KEE (Anness I, Taqsima D)	-		
C	Darbtejn fix-xahar			-		
D	Darbtejn fix-xahar			-		

Il-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jsir qabel ma faċilità ġdida tar-reklamazzjoni tibda titħaddem.

Il-faċilitajiet tar-reklamazzjoni li diġà qegħdin joperaw u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-ilma reklamati stabbiliti fit-Tabella 2 tal-punt (a) fi... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikunu eżentati minn dak l-obbligu ta' monitoraġġ tal-validazzjoni.

Madankollu, l-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jitwettaq fil-każijiet kollha fejn isir titjib fit-tagħmir, u meta jiżdiedu tagħmir jew proċessi ġodda.

Il-monitoraġġ tal-validazzjoni għandu jsir għall-klassi tal-kwalità tal-ilma reklamati bir-rekwiżiti l-aktar stretti, il-Klassi A, sabiex jiġi vvalutat jekk hux qed ikun hemm konformità mal-miri ta' prestazzjoni (tnaqqis ta' $\log_{10}$). Il-monitoraġġ tal-valutazzjoni għandu jinkludi l-monitoraġġ tal-mikroorganiżmi indikaturi assoċjati ma' kull grupp ta' patoġeni, jiġifieri batterji, viruses u protozoa. Il-mikroorganiżmi indikaturi magħżula huma l-*E. coli* għall-batterji patoġeniċi, il-kolifaġi F-speċifiċi, il-kolifaġi somatiċi jew il-kolifaġi għall-viruses patoġeniċi, u l-ispori ta' *Clostridium perfringens* jew il-batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori għall-protozoa. Il-miri ta' prestazzjoni (tnaqqis ta' $\log_{10}$) għall-monitoraġġ tal-validazzjoni għall-mikroorganiżmi indikaturi magħżula huma stabbiliti fit-Tabella 4 u għandhom jintlaħqu fil-punt ta' konformità, filwaqt li jitqiesu l-konċentrazzjonijiet tal-ilma mormi mhux ipproċessat li jidħlu fl-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban. Mill-inqas 90 % tal-kampjuni ta' validazzjoni għandhom jilhqqu jew jaqbżu l-miri ta' prestazzjoni.

Jekk indikatur bijoloġiku ma jkunx preżenti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-ilma mormi mhux ipproċessat biex jinkiseb it-tnaqqis ta' $\log_{10}$, in-nuqqas ta' tali indikatur bijoloġiku fl-ilma reklamat għandu jfisser li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' validazzjoni. Il-konformità mal-mira ta' prestazzjoni tista' tiġi stabbilita b'kontroll analitiku, biż-żieda tal-prestazzjoni mogħtija lil stadji individwali tat-trattament abbażi ta' evidenza xjentifika għal proċessi standard stabbiliti sew, bħal data ppubblikata tar-rapporti tal-ittestjar jew studji ta' każijiet, jew ittestjati fil-laboratorju taħt kundizzjonijiet ikkontrollati għal trattament innovattiv.

Tabella 4 Monitoraġġ tal-validazzjoni tal-ilma reklamati għat-tisqija agrikola

Klassi tal-kwalità tal-ilma reklamati	Mikroorganismi indikaturi (*)	Miri ta' prestazzjoni għall-katina ta' trattament (tnaqqis ta' log ₁₀)
A	<i>E. coli</i>	≥ 5,0
	Kolifaġi totali/ kolifaġi F-speċifiċi/kolifaġi somatiċi/kolifaġi(**)	≥ 6,0
	Spori ta' <i>Clostridium perfringens</i> / batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori(***)	≥ 4,0 (fil-każ ta' spori ta' <i>Clostridium perfringens</i>) ≥ 5,0 (fil-każ ta' batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori)

(*) Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-validazzjoni, jistgħu jintużaw ukoll il-patoġeni ta' referenza *Campylobacter*, Rotavirus u *Cryptosporidium* minflok il-mikroorganismi indikaturi proposti. Imbagħad għandhom japplikaw il-miri ta' prestazzjoni bi tnaqqis ta' log₁₀ li ġejjin: *Campylobacter* (≥ 5,0), Rotavirus (≥ 6,0) u *Cryptosporidium* (≥ 5,0).

(**) It-total ta' kolifaġi ntgħażel bħala l-iktar indikatur virali xieraq. Madankollu, jekk l-analiżi tat-total ta' kolifaġi mhijiex fattibbli, għandu jiġi analizzat mill-inqas wieħed minnhom (kolifaġi F-speċifiċi jew somatiċi).

(***) L-ispori ta' *Clostridium perfringens* jintgħażlu bħala l-iktar indikatur tal-protozoa xieraq. Madankollu, il-batterji li jnaqqsu s-sulfat u li jiffurmaw spori huma alternattiva jekk il-konċentrazzjoni tal-ispori ta' *Clostridium perfringens* ma tippermettix li jiġi vvalidat it-tnaqqis ta' log₁₀ mitlub.

Il-metodi ta' analiżi għall-monitoraġġ għandhom jiġu vvalidati u dokumentati skont EN ISO/IEC-17025 jew standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw kwalità ekwivalenti.

ANNEX II

(A) Elementi ewlenin tal-ġestjoni tar-riskju

Il-ġestjoni tar-riskju għandha tinkludi l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji b'mod proattiv biex tiżgura li l-ilma reklamati jintużu u jiġi ġestit b'mod sikur u li ma jkunx hemm riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali. Għal dawn il-finijiet, għandu jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni tar-riskju għall-użu mill-ġdid tal-ilma abbażi tal-elementi li ġejjin:

1. Id-deskrizzjoni tas-sistema kollha tal-użu mill-ġdid tal-ilma, mid-dħul tal-ilma mormi fl-impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban sal-punt tal-użu, inkluż is-sorsi tal-ilma mormi, l-istadji ta' trattament u t-teknoloġiji użati fil-faċilità tar-reklamazzjoni, l-infrastruttura tal-provvista, id-distribuzzjoni u l-ħżin, l-użu maħsub, il-post u l-perijodu tal-użu, (eż. użu temporanju jew ad hoc), il-metodu ta' tisqija, it-tip ta' għelejjel, sorsi oħra tal-ilma jekk huwa maħsub l-użu ta' taħlit u l-volumi ta' ilma reklamati li għandu jiġi pprovdut.
2. L-identifikazzjoni tal-partijiet kollha involuti fis-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma u deskrizzjoni ċara tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tagħhom.
3. L-identifikazzjoni tal-perikli potenzjali, b'mod partikolari l-preżenza ta' inkwinanti u patoġeni, u l-potenzjal ta' avvenimenti perikolużi, bħal fallimenti tat-trattament jew it-tnixxija aċċidentali jew il-kontaminazzjoni tas-sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma.

4. L-identifikazzjoni tal-ambjenti u l-popolazzjonijiet f'riskju, u r-rotot tal-esponiment għall-perikli potenzjali identifikati, filwaqt li jitqiesu l-fatturi ambjentali speċifiċi, bħall-idroġeoloġija, it-topoloġija, it-tip ta' ħamrija u l-ekoloġija lokali, u l-fatturi marbuta mat-tipi ta' għelejjel u prattiki agrikoli u ta' tisqija. Għandhom jitqiesu wkoll u jkunu sostnuti b'evidenza xjentifika l-effetti negattivi irreversibbli jew fit-tul possibbli għall-ambjent u għas-saħħa tal-operazzjoni tar-reklamazzjoni tal-ilma.
5. Il-valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-perikli potenzjali identifikati, id-durata tal-użi maħsuba, l-ambjenti u l-popolazzjonijiet identifikati fir-riskju ta' esponiment għal dawk il-perikli u s-severità tal-effetti possibbli tal-perikli filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni, kif ukoll il-leġislazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali rilevanti, id-dokumenti ta' gwida u r-rekwiżiti minimi fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel, tal-għalf u tal-ħaddiema. Il-valutazzjoni tar-riskju tista' tkun ibbażata fuq analiżi tal-istudji xjentifiċi u d-data disponibbli.

Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

- (a) valutazzjoni tar-riskji għall-ambjent, inklużi dawn kollha li ġejjin:
 - (i) konferma tan-natura tal-perikli, inkluż il-livell ta' bla effett imbassar, meta rilevanti;

- (ii) valutazzjoni tal-medda ta' esponiment potenzjali;
 - (iii) karatterizzazzjoni tar-riskji;
- (b) valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, inkluż dawn kollha li ġejjin:
- (i) konferma tan-natura tal-perikli, inkluż ir-relazzjoni bejn id-doża u r-reazzjoni, meta rilevanti;
 - (ii) valutazzjoni tal-firxa tad-doża jew tal-esponiment potenzjali;
 - (iii) karatterizzazzjoni tar-riskji.

Il-valutazzjoni tar-riskju tista' titwettaq bl-użu ta' valutazzjoni tar-riskju kwalitattiva jew semikwantitattiva. Valutazzjoni tar-riskju kwantitattiva għandha tintuża meta jkun hemm biżżejjed data ta' appoġġ jew fi proġetti li jkollhom potenzjal ta' riskju għoli għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika.

Ir-rekwiżiti u l-obbligi li ġejjin għandhom, bħala minimu, jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju:

- (a) ir-rekwiżit li jitnaqqas u jiġi evitat it-tniġġis fl-ilma minn nitrati skont id-Direttiva 91/676/KEE;

- (b) l-obbligu li ż-żoni protetti għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 98/83/KE;
- (c) ir-rekwiżit li jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE;
- (d) ir-rekwiżit li jiġi evitat it-tniġġis fl-ilma ta' taħt l-art skont id-Direttiva 2006/118/KE;
- (e) ir-rekwiżit li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità ambjentali għas-sustanzi prijoritarji u ċerti inkwinanti oħra stipulati fid-Direttiva 2008/105/KE;
- (f) ir-rekwiżit li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità ambjentali għall-inkwintanti ta' tħassib nazzjonali, jiġifieri l-inkwinanti speċifiċi għall-baċini idrografiċi, stipulati fid-Direttiva 2000/60/KE;
- (g) ir-rekwiżit li jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-ilma għall-għawm stipulati fid-Direttiva 2006/7/KE;
- (h) ir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura skont id-Direttiva 86/278/KEE;

- (i) ir-rekwiżiti dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 u l-gwida mogħtija mill-avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji mikrobijoloġiċi fil-frott u l-ħaxix frisk fil-produzzjoni primarja permezz ta' iġjene tajba;
- (j) ir-rekwiżiti għall-iġjene tal-għalf stipulati fir-Regolament (KE) Nru 183/2005;
- (k) ir-rekwiżit tal-konformità mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005;
- (l) ir-rekwiżiti fir-rigward tal-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1881/2006;
- (m) ir-rekwiżiti fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu tal-pestiċidi fl-ikel jew fuq l-ikel u l-għalf stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005;
- (n) ir-rekwiżiti rigward is-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (UE) Nru 142/2011.

(B) Kondizzjonijiet rigward ir-rekwiżiti addizzjonali

6. Konsiderazzjoni tar-rekwiżiti għall-kwalità tal-ilma u għall-monitoraġġ li huma addizzjonali, jew aktar stretti, għal dawk speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Anness I, jew it-tnejn, meta neċessarju u xieraq biex tiġi żgurata protezzjoni xierqa tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, b'mod partikolari meta jkun hemm evidenza xjentifika ċara li r-riskju joriġina mill-ilma reklammat u mhux minn sorsi oħra.

Skont l-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-punt 5, dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jikkonċernaw b'mod partikolari lil:

- (a) metalli tqal;
- (b) pestiċidi;
- (c) prodotti sekondarji ta' diżinfezzjoni;
- (d) prodotti mediċinali;
- (e) sustanzi ta' tħassib emerġenti oħra, inkluż mikroinkwinanti u mikroplastiki;
- (f) reżistenza għall-antimikrobiċi.

(C) Miżuri preventivi

7. L-identifikazzjoni ta' miżuri preventivi li diġà qegħdin fis-seħħ jew li jenħtiegħ li jittieħdu biex jiġu limitati r-riskji sabiex ir-riskji identifikati kollha jkunu jistgħu jiġu ġestiti b'mod adegwat. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u liż-żoni ta' salvagwardja rilevanti.

Dawn il-miżuri preventivi jistgħu jinkludu:

- (a) kontroll tal-aċċess;
- (b) miżuri addizzjonali ta' diżinfezzjoni jew ta' tneħħija tal-inkwinanti;
- (c) teknoloġija tat-tisqija speċifika għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-formazzjoni ta' aerosol (eż. tisqija bil-qatra);
- (d) rekwiżiti speċifiċi għat-tisqija bil-friefer (eż. il-veloċità massima tar-riħ, id-distanzi bejn il-friefer u żoni sensittivi);
- (e) rekwiżiti speċifiċi għal għelieqi agrikoli (eż. inklinazzjoni tal-pendil, saturazzjoni tal-ilma tal-għelieqi u żoni karstiċi);
- (f) appoġġ li joqtol lill-patoġeni qabel il-ħsad;
- (g) l-istabbiliment ta' distanzi minimi ta' sikurezza (eż. mill-ilma tal-wieċċ, inklużi sorsi għall-bhejjem, jew attivitajiet bħall-akkwakultura, it-trobbija tal-ħut, l-akkwakultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra, l-għawm u attivitajiet akkwatiċi oħrajn);

- (h) sinjalar f'siti tat-tisqija, li jindika li qed jintuża ilma reklamat u li mhux tajjeb għax-xorb.

Il-miżuri preventivi speċifiċi li jistgħu jkunu rilevanti huma stabbiliti fit-Tabella 1.

Tabella 1: Miżuri preventivi speċifiċi

Klassi tal-kwalità tal-ilma reklamat	Miżuri preventivi speċifiċi
A	- Il-ħnieżer ma jridux jiġu esposti għall-għalf imsoqqi bl-ilma reklamat sakemm ma jkunx hemm biżżejjed data li tindika li r-riskji għal dak il-każ speċifiku jistgħu jiġu ġestiti.
B	- Il-projbizzjoni tal-ħsad ta' prodotti mxarrbin imsoqqija jew bil-qatra. - L-esklużjoni mill-bur tal-bhejjem tal-ħalib li jreddgħu sakemm jinxef il-bur. - L-għalf għandu jkun imnixxef jew maħżun f'silos qabel l-imballaġġ. - Il-ħnieżer ma jridux jiġu esposti għall-għalf imsoqqi bl-ilma reklamat sakemm ma jkunx hemm biżżejjed data li tindika li r-riskji għal dak il-każ speċifiku jistgħu jiġu ġestiti.
C	- Il-projbizzjoni tal-ħsad ta' prodotti mxarrbin imsoqqija jew bil-qatra. - L-esklużjoni mill-bur ta' annimali li jirgħu għal ħamest ijiem wara l-aħħar tisqija. - L-għalf għandu jkun imnixxef jew maħżun f'silos qabel l-imballaġġ. - Il-ħnieżer ma jridux jiġu esposti għall-għalf imsoqqi bl-ilma reklamat sakemm ma jkunx hemm biżżejjed data li tindika li r-riskji għal dak il-każ speċifiku jistgħu jiġu ġestiti.
D	- Il-projbizzjoni tal-ħsad ta' prodotti mxarrbin imsoqqija jew bil-qatra.

8. Sistemi u proċeduri ta' kontroll tal-kwalità adegwati, inkluż il-monitoraġġ tal-ilma reklamati għall-parametri rilevanti, u programmi ta' manutenzjoni adegwati għat-tagħmir.

Huwa rakkomandat li l-operatur tal-faċilità tar-reklamazzjoni jistabbilixxi u jżomm sistema ta' ġestjoni tal-kwalità skont ISO 9001 jew l-ekwivalenti tiegħu.

9. Sistemi ta' monitoraġġ ambjentali biex ikun żgurat li jingħata r-rispons mill-monitoraġġ u li l-proċessi u l-proċeduri kollha jiġu validati u dokumentati kif xieraq.
10. Sistemi xierqa għall-ġestjoni ta' inċidenti u emerġenzi, inklużi proċeduri biex jiġu infurmati il-partijiet rilevanti kollha dwar tali avvenimenti b'mod xieraq, u aġġornamenti regolari tal-pjan ta' reazzjoni għal emerġenza.

L-Istati Membri jistgħu jużaw linji gwida jew standards internazzjonali eżistenti, bħal-Linji gwida ISO 20426:2018 għall-valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u l-ġestjoni għall-użu mill-ġdid tal-ilma mhux tajjeb għax-xorb, il-Linji gwida ISO 16075:2015 għall-użu tal-ilma mormi għal proġetti ta' tisqija jew standards ekwivalenti oħra aċċettati fil-livell internazzjonali, jew il-linji gwida tad-WHO, bħala strumenti għall-identifikazzjoni sistematika ta' perikli, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji, abbażi ta' approċċ ta' prijorità applikat għall-katina kollha (mit-trattament tal-ilma mormi urban għall-użu mill-ġdid, għad-distribuzzjoni u l-użu għat-tisqija agrikola, għall-kontroll tal-effetti) u l-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit.

11. Jiġi żgurat li jkunu stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fost l-atturi differenti biex jiġu ggarantiti l-produzzjoni u l-użu sikuri tal-ilma reklamati.
